Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2024/1676

12.6.2024

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2024/1676**

**tal-24 ta' Mejju 2024**

**li tagħti lis-Sa Thérèse BLANCHET awtorizzazzjoni għall-aċċess għall-informazzjoni kklassifikata sa u inkluż il-livell TRÈS SECRET UE/EU TOP SECRET**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/488/UE tat-23 ta' Settembru 2013 dwar ir-regoli tas-sigurtà għall-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata tal-UE (1), u b'mod partikolari l-paragrafu 18, il-punt (a), tal-Anness I tagħha,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/262 tas-6 ta' Frar 2017 li tiddetermina, għas-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill, l-awtorità tal-ħatra u l-awtorità bis-setgħa li tikkonkludi l-kuntratti ta' reklutaġġ, u li thassar id-Deċiżjoni 2013/811/UE (2),

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2022/1951 tat-13 ta' Ottubru 2022 li taħtar lis-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea għall-perjodu mill-1 ta' Novembru 2022 sal-31 ta' Ottubru 2027 (3),

Billi:

(1) L-awtorità kompetenti Franċiża għas-sigurtà nazzjonali tat assigurazzjoni pożittiva fis-27 ta' Marzu 2024 fir-rigward tal-aċċess għall-informazzjoni kklassifikata sa u inkluż il-livell TRÈS SECRET UE/EU TOP SECRET mis-Sa Thérèse BLANCHET.

(2) Huwa neċessarju, minħabba l-inkarigu tagħha u l-ħtiġijiet tas-servizz, li s-Sa Thérèse BLANCHET tiġi awtorizzata li jkollha aċċess għall-informazzjoni kklassifikata sa u inkluż il-livell TRÈS SECRET UE/EU TOP SECRET miżmuma mill-Kunsill u l-Kunsill Ewropew,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

1. Is-Sa Thérèse BLANCHET b'dan qed tingħata awtorizzazzjoni għall-aċċess għall-informazzjoni kklassifikata sa u inkluż il-livell TRÈS SECRET UE/EU TOP SECRET miżmuma mill-Kunsill u l-Kunsill Ewropew għall-finijiet tal-inkarigu tagħha.

2. L-awtorizzazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha tkun valida għall-perjodu tal-inkarigu li għalih qed tingħata dik l-awtorizzazzjoni u għandha tintemm fi tmiem dak l-inkarigu.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha ssir effettiva fid-data tan-notifika tagħha.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lis-Sa Thérèse BLANCHET.

Magħmul fi Brussell, l-24 ta' Mejju 2024.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

J. BROUNS

(1) ĠU L 274, 15.10.2013, p. 1.
(2) ĠU L 39, 16.2.2017, p. 4.
(3) ĠU L 269, 17.10.2022, p. 9.